

Brussell, 21 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10437/22
ADD 1

AG 70
INST 245

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 404 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal- LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI IL-KONFERENZA DWAR IL-FUTUR TAL-EWROPA Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 404 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2022) 404 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.6.2022
COM(2022) 404 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL,
LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-
REĠJUNI**

IL-KONFERENZA DWAR IL-FUTUR TAL-EWROPA

Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta

ANNEX

Dan l-Anness jistabilixxi lista mhux eżawrjenti ta' leġiżlazzjoni u inizjattivi oħrajn li permezz tagħhom il-Kummissjoni qed twestaq, jew se twestaq, il-proposti u l-miżuri li jirriżultaw mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-azzjonijiet ippjanati u l-proposti leġiżlattivi tagħha ispirati mill-proposti tal-Konferenza b'rispett sħiħ tal-istandards ta' regolamentazzjoni aħjar tagħha kif ukoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u b'kunsiderazzjoni xierqa għal-limitazzjonijiet finanzjarji taħt il-baġit pluriennali attwali. Hija se tagħmel hliitha wkoll biex tiżgura li l-inizjattivi proposti jkunu akkumpanjati minn azzjonijiet u kampanji ta' komunikazzjoni robusti, bil-ħsieb li jkun hemm involviment maċ-ċittadini dwar l-azzjoni ta' politika tal-UE, u dwar kif din tħalli impatt u tkun ta' benefiċċju għalihom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Għal kull wieħed mid-disa' suġġetti tal-Konferenza, l-Anness jelenka l-proposti tal-Konferenza u jidentifika:

- azzjonijiet rilevanti diġà proposti jew immedija mill-Kummissjoni von der Leyen;
- leġiżlazzjoni rilevanti proposta li jstieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill biex jadottawha;
- azzjonijiet u leġiżlazzjoni rilevanti ppjanati;
- oqsma rilevanti ġodda ta' azzjoni ispirati mill-Konferenza.

F'kull taqsima, l-ordni tal-inizjattivi tal-Kummissjoni ssegwi s-sekwenza tal-proposti u l-miżuri tal-Konferenza. Meta inizjattiva jew liġi tal-UE tkopri bosta suġġetti tal-Konferenza, din tiġi elenkata darba biss, skont l-aktar proposta rilevanti tal-Konferenza. Pereżempju, REPowerEU tolgot l-ideat imqajma f'*Ekonomija aktar b'saħħitha, il-ġustizzja soċjali u l-impjiegi* u t-*Tibdil fil-klima u l-ambjent* iżda primarjament tikkonċerna l-awtonomija tal-enerġija, u għalhekk hija elenkata taħt *l-UE fid-Dinja*.

Mhux biss l-atti legali iżda wkoll l-għodod u l-programmi ta' komunikazzjoni huma inklużi fl-Anness.

Filwaqt li ħafna mill-proposti tal-Konferenza huma konformi mal-azzjonijiet u l-leġiżlazzjoni li hija ppjanata mill-Kummissjoni, il-proposti tal-Konferenza se jikkontribwixxu għat-tnejjiet ta' dawn l-azzjonijiet u l-proposti ppjanati. L-eżitu tal-Konferenza mhux biss se jispira oqsma ġodda ta' riflessjoni għall-Kummissjoni, iżda se jarrikkixxi l-ħsieb tagħha dwar l-azzjonijiet, u l-proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li bħalissa jinsabu fil-fażi tal-ippjanar.

Firxa wiesgħa ta' fondi u mekkaniżmi oħra ta' appoġġ jgħinu biex il-politiki tal-UE jiġu implimentati. Ħafna minn dawn huma trażversali u jkopru azzjonijiet f'diversi suġġetti tal-Konferenza. Dawk ewlenin huma:

- il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
- il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;
- il-Fond Soċjali Ewropew Plus;
- il-Fond ta' Koeżjoni (jappoġġa l-investimenti fl-oqsma tal-ambjent u t-trasport, inkluża l-infrastruttura);
- il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta inkluż il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (jappoġġa l-aktar territorji affettwati mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika);
- il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea;
- l-Oqfsa Temporari għall-miżuri ta' għajjuna mill-Istat;
- il-Fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni;

- ▶ il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (tippromwovi t-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività permezz ta' investiment immirat fl-infrastruttura fit-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali);
- ▶ il-programm Ewropa Diġitali;
- ▶ Erasmus Plus;
- ▶ il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- ▶ Ewropa Kreattiva b'l-Portunus, Culture Moves Europe u Music Moves Europe jappoġġaw il-mobilità tal-artisti, il-kreaturi u l-professjonisti kulturali;
- ▶ il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;
- ▶ il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura;
- ▶ il-programm Orizzont Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni;
- ▶ il-programm l-UE għas-Saħħa;
- ▶ il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni;
- ▶ il-programm Ġustizzja;
- ▶ il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;
- ▶ il-Fond għas-Sigurtà Interna;
- ▶ l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali;
- ▶ L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (jipprovdi appoġġ u għarfien espert lill-Istati Membri biex jgħinhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi, inkluż fl-azzjoni klimatika, it-tranżizzjoni diġitali u s-saħħa).

1. IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-AMBJENT



Il-Konferenza rriżultat f'sitt proposti li se jgħinu lill-UE tmexxi t-tibdil fil-klima u l-ambjent¹.

- 1. L-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel, il-bijodiversità u l-ekosistemi, it-tniġġis — Produzzjoni tal-ikel sikura, sostenibbli, ġusta, responsabbli għall-klima, u affordabbli, li tirrispetta l-prinċipji tas-sostenibbiltà, l-ambjent, is-salvagwardja tal-bijodiversità u l-ekosistemi, filwaqt li tiżgura s-sigurtà alimentari;*
- 2. L-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel, il-bijodiversità u l-ekosistemi, it-tniġġis — Il-protezzjoni u r-restawrazzjoni tal-bijodiversità, il-pajsaġġ u l-oċeani, u l-eliminazzjoni tat-tniġġis;*
- 3. It-tibdil fil-klima, l-enerġija, it-trasport — Insañhu s-sigurtà tal-enerġija Ewropea, u niksbu l-indipendenza enerġetika tal-UE filwaqt li niżguraw tranżizzjoni ġusta, u nipprovdu enerġija suffiċjenti, affordabbli u sostenibbli lill-Ewropej. L-indirizzar tat-tibdil fil-klima, bl-UE taqdi rwol ta' mexxejja globali fil-politika tal-enerġija sostenibbli, u tirrispetta l-għanijiet klimatiki globali;*
- 4. It-tibdil fil-klima, l-enerġija, it-trasport — Il-forniment ta' infrastruttura ta' kwalità għolja, moderna, ekoloġika u sikura, li tiżgura l-konnettività, inkluż tar-reġjuni rurali u insulari, b'mod partikolari permezz ta' trasport pubbliku affordabbli*
- 5. Konsum, imballaġġ u produzzjoni sostenibbli — Titjib tal-użu u l-ġestjoni tal-materjali fi ħdan l-UE sabiex isiru aktar ċirkolari, aktar awtonomi u inqas dipendenti. Il-bini ta' ekonomija ċirkolari bil-promozzjoni ta' prodotti u produzzjoni sostenibbli tal-UE. L-iżgurar li l-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tal-UE jikkonformaw mal-istandards ambjentali komuni tal-UE;*
- 6. Informazzjoni, sensibilizzazzjoni, djalogu u stil ta' ħajja - It-trawwim tal-għarfien, is-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni, u d-djalogi dwar l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-użu tal-enerġija, u s-sostenibbiltà.*

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:
diġà ppreżentat:

- il-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, li għandha l-għan li tagħmel is-sistemi tal-ikel ġusti, tajbin għas-saħħa u ekoloġiċi;
- il-politika agrikola komuni riformata;
- il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero;
- il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari;
- l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030;
- l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030;
- il-wegħda li jitħawlu 3 biljun siġra sal-2030 u l-applikazzjoni MapMyTree-counter;
- il-Komunikazzjoni dwar Ekonomija Blu Sostenibbli;
- il-Missjoni ta' Orizzont Ewropa dwar l-Oċeani;
- il-pjan ta' azzjoni dwar il-biedja organika;
- il-Liġi Ewropea dwar il-Klima;

¹ Is-6 proposti fihom total ta' 57 miżura speċifika.

- ▶ I-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà;
- ▶ I-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti;
- ▶ I-Istrateġija Solari;
- ▶ I-Istrateġija dwar I-Enerġija Rinnovabbli Offshore;
- ▶ ir-Regolament dwar it-tassonomija tas-sostenibbiltà fis-settur tal-enerġija;
- ▶ il-pjan ta' kontinġenza għall-kriżijiet għas-settur tat-trasport;
- ▶ is-sħubijiet Ewropej, pereżempju għas-salvataġġ tal-bijodiversità, għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa, għal "Avjazzjoni Nadifa", għall-"Ferrovija tal-Ewropa", għal mobilità konnessa, kooperattiva u awtomatizzata, għal "Idroġenu Nadif", għall-batteriji, lejn trasport bit-triq mingħajr emissjonijiet, għal industriji b'użu intensiv tal-enerġija newtrali għall-klima "Processes4Planet";
- ▶ il-Missjonijiet tal-UE li jimmobilizzaw l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini biex 100 belt isiru newtrali għall-klima u intelliġenti kif ukoll biex jirrestawraw l-oċeani u l-ilmijiet tagħna sal-2030, jadattaw ruħhom għat-tibdil fil-klima billi jagħmlu 150 reġjun u komunità reżiljenti għat-tibdil fil-klima u joħolqu 100 laboratorju ħaj u inizjattiva fanal għal ħamrija b'saħħitha fl-Ewropa;
- ▶ I-integrazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-miri ambizzjużi għan-nefqa relatata mal-klima taħt il-qafas finanzjarju pluriennali u n-NextGenerationEU;
- ▶ is-subprogrammi LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Azzjoni Klimatika;
- ▶ id-Deċiżjoni dwar is-Sena Ewropea tal-Ferroviji;
- ▶ il-pjan ta' azzjoni dwar il-ferroviji fuq distanzi twal u transfruntieri;
- ▶ I-inizjattiva Mewġa ta' Rinnovazzjoni;
- ▶ ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u r-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti;
- ▶ ir-reviżjoni tal-pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli skont il-Qafas tal-Mobilità Urbana tal-2021;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku;
- ▶ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: l-azzjoni pilota tal-idroġenu ekoloġiku;
- ▶ il-Komunikazzjoni "Ċikli Sostenibbli tal-Karbonju" b'diversi azzjonijiet inkluża "Valutazzjoni Integrata tal-Użu tal-Art tal-Bijoeconomija" b'appoġġ għall-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija;
- ▶ l-Alleanza għall-Idroġenu Nadif, li għandha l-għan li tippromwovi l-investimenti u tistimula l-introduzzjoni tal-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu nadif;
- ▶ il-perkorsi ta' tranżizzjoni biex jgħinu ekosistemi differenti jsiru aktar reżiljenti, ekoloġiċi u diġitali;
- ▶ il-Komunikazzjoni "L-iskart tagħna, ir-responsabbiltà tagħna";
- ▶ il-Patt Klimatiku Ewropew;
- ▶ il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;
- ▶ I-istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari;
- ▶ I-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- ▶ il-Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta;
- ▶ Kodiċi ta' kondotta għan-negożji li joperaw fil-qasam tal-ikel, li għandu l-għan li jgħin biex tinbena katina tal-valur tal-ikel soċjalment responsabbli li tnaqqas l-impronta ambjentali u klimatika tal-UE;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika;
- ▶ il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-ħarsien tal-ambjent u l-enerġija, u s-skema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet;

tistieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill jadottaw mingħajr dewmien:

- ▶ il-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %” biex il-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni jkunu adattati biex inaqqsu l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra b’mill-inqas 55 % sal-2030;
 - il-Mekkaniżmu ta’ Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri;
 - ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija biex jiġu aġġornati r-rati minimi tat-taxxa għall-fjuwils u l-prodotti tal-enerġija;
 - id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija b’mira oġġla ta’ 13 % (minn 9 %);
 - ir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija;
 - ir-reviżjoni tar-Regolament li jstabbilixxi standards ta’ rendiment għall-emissjonijiet ta’ CO₂ tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief;
 - il-proposta ta’ eżami mill-ġdid tar-Regolament dwar Vjeġġi ta’ Skart;
 - ir-Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli bil-mira oġġla ta’ 45 % (minn 40 %);
 - id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija riveduta;
 - il-Fond Soċjali għall-Klima;
 - ir-Reviżjoni tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi;
 - il-FuelEU Maritime;
 - ir-RefuelEU Aviation;
 - il-Pakkett dwar il-gass dekarbonizzat u l-idroġenu;
 - is-Sistema għall-iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet, inkluża l-estensjoni tagħha għall-bini u t-trasport bit-triq;
 - ir-Regolament rivedut dwar il-Gassijiet Fluworurati b’Effett ta’ Serra;
 - ir-Regolament dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu;
- ▶ l-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli;
- ▶ il-kontroll tal-idoneità tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas;
- ▶ ir-reviżjoni tar-Regolament tat-TEN-T, it-titjib tal-kwalità tan-network ferrovjarju tal-UE biex jiġu żgurati standards għoljin fin-network ewlieni TEN-T sal-2030 u standards ġodda fin-network estiż kollu sal-2040;
- ▶ id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali;
- ▶ ir-Regolament dwar id-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti;
- ▶ ir-Regolament li jstabbilixxi qafas għat-tfassil tar-rekwiżiti tal-Ekodisinn għal prodotti sostenibbli, inkluż għall-Passaporti Diġitali tal-Prodotti;
- ▶ l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika;
- ▶ ir-Reviżjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini biex jiġi żgurat li l-qafas regolatorju fis-seħħ ikun adatt biex l-ambjent mibni jilħaq l-oġġettivi tagħna dwar is-sostenibbiltà u l-klima;
- ▶ il-Proposta għal Regolament ġdid dwar il-vjeġġi tal-iskart;

biħsiebha tressaq proposti dwar:

- ▶ l-introduzzjoni ta’ miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel;
- ▶ asserzjonijiet ambjentali għat-tikketti bbażati fuq metodi ta’ impronta ambjentali;
- ▶ leġiżlazzjoni dwar sistemi tal-ikel sostenibbli (inkluż it-tikkettar sostenibbli tal-ikel);
- ▶ linji gwida dwar id-deroga tal-antitrust għal ftehimiet ta’ sostenibbiltà fl-agrikoltura;
- ▶ pjan ta’ azzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar;
- ▶ Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda tal-UE dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani;
- ▶ aġġornament tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi;

- ▶ reviżjoni tal-limiti massimi ta' residwi għal ċerti pestiċidi fir-rigward ta' ikel importat b'kont meħud tal-aspetti ambjentali ta' tħassib globali;
- ▶ reviżjoni tar-rekwiżiti tad-*data*, tal-kriterji ta' approvazzjoni u tal-prinċipji ta' valutazzjoni għall-mikroorganiżmi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx;
- ▶ leġiżlazzjoni għal miri vinkolanti tal-UE għar-restawr tan-natura;
- ▶ ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju;
- ▶ qafas ta' politika għall-plastik b'bażi bijoloġika u bijodegradabbli u kompostabbli;
- ▶ proposta leġiżlattiva dwar it-trattament xieraq tal-annimali inkluż billi jitneħħa gradwalment, u finalment jiġi pprojbit, l-użu ta' sistemi ta' gaġeġ għal firxa estiża ta' annimali fid-dawl tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li rnekkiet "End the Cage Age";
- ▶ eżami mill-ġdid tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, li għandha l-għan li tiproteġi l-ekosistema u l-bijodiversità tal-baħar;
- ▶ eżami mill-ġdid tal-mandat tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima;
- ▶ reviżjoni tad-Direttiva dwar it-tniġġis mill-bastimenti;
- ▶ reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi;
- ▶ lista riveduta ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art;
- ▶ linji gwida għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma;
- ▶ reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali biex tgħin fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;
- ▶ reviżjoni tal-inizjattiva tal-UE dwar il-pollinaturi biex jiġu protetti aħjar l-insetti;
- ▶ miżuri biex jitnaqqas ir-rilaxx mhux intenzjonat ta' mikroplastiki fl-ambjent;
- ▶ Komunikazzjoni dwar it-tiġdid tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija;
- ▶ servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali, biex it-trasport pubbliku u s-servizzi ferrovjarji jiġu integrati aħjar u jiġi ffaċilitat l-ippjanar diġitali tal-vjaġġi;
- ▶ CountEmissionsEU fil-qasam tat-trasport;
- ▶ reviżjoni tar-Regolament dwar is-Servizzi tal-Ajru u r-Regolament dwar is-Slots;
- ▶ Alleanza għall-Avjazzjoni b'Emissjonijiet Żero biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn titjriet newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju;
- ▶ pakkett dwar trasport tal-merkanzija aktar ekoloġiku, inkluża proposta dwar vetturi heavy-duty;
- ▶ leġiżlazzjoni dwar l-osservazzjoni, ir-rappurtar u qafas għall-ġbir tad-*data* tal-foresti;
- ▶ eżami mill-ġdid tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, anke biex tiġi evitata l-ħela, biex jiġu armonizzati s-sistemi tal-ġbir tal-iskart u biex jinħolqu regoli armonizzati tal-UE dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi għat-tessuti bl-ekomodulazzjoni tat-tariffi;
- ▶ riforma doganali li se jkollha l-għan li tieħu l-Unjoni Doganali għal-livell li jmiss, u tarmaha b'qafas aktar b'saħħtu li biex tħares aħjar liċ-ċittadini tal-UE u lis-suq uniku;
- ▶ Liġi dwar is-Saħħa tal-Ħamrija;
- ▶ inizjattiva biex jiġu sostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali;
- ▶ eżami mill-ġdid tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, inkluża azzjoni possibbli dwar skemi ta' rifiżjoni;
- ▶ inizjattiva dwar il-konsum sostenibbli tal-oġġetti biex tiġi indirizzata l-obsoluxxenza programmata u d-dritt tat-tiswija;
- ▶ estensjoni tal-iskemi ta' responsabbiltà tal-produttur, li jipprovdu inċentivi u jinkoraġġixxu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u prattiki tajbin fir-riċiklaġġ tal-iskart;
- ▶ plastik li jintuża darba biss – Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tistabbilixxi regoli għall-kalkolu, il-verifika u r-rappurtar ta' kontenut riċiklat fi fliexken tax-xorb tal-plastik li jintuża darba biss;
- ▶ standards tal-emissjonijiet Euro7 għall-karozzi, il-vannijiet, it-trakkijiet u x-xarabanks;
- ▶ rapport ta' Prospettiva Strateġika dwar il-ġemellaġġ tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali f'kuntest ġeopolitiku ġdid;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, b'hal:

- ▶ leġislazzjoni għall-pjanti prodotti b'ċerti tekniki ġenomiċi ġodda;
- ▶ standards tal-benessri tal-annimali għall-merkanzija importata;
- ▶ opzjonijiet għat-tikkettar tal-benessri tal-annimali;
- ▶ gwida dwar l-applikazzjoni speċifika għas-settur tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel";
- ▶ valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali aġġornati għall-enerġija u l-klima;
- ▶ titjib tal-finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika;
- ▶ indirizzar tal-impatt ambjentali tal-immaniġġjar tal-iskart;
- ▶ miżuri biex jiġi limitat it-tniġġis tad-dawl;
- ▶ il-promozzjoni ulterjuri tal-infrastruttura taċ-ċikliżmu u ż-żoni ħielsa mill-karozzi (regolamenti dwar l-Aċċess tal-Vetturi Urbani);
- ▶ Pjan ta' Azzjoni għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;
- ▶ proposta leġislattiva dwar iż-żieda tas-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotot tal-karozzi pubbliċi u korporattivi li jaqbużu ċertu daqs;
- ▶
- ▶ valutazzjoni tal-ħtieġa għal eżenzjoni fl-UE kollha tal-biljetti ferrovjarji internazzjonali mill-VAT, biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-prezz għall-passiġġieri ferrovjarji.



2. IS-SAĦĦA

Il-Konferenza rriżultat f'erba' proposti dwar is-saħħa²:

7. *Ikel tajjeb għas-saħħa u stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa — Jiġi żgurat li l-Ewropej kollha jkollhom aċċess għall-edukazzjoni dwar ikel tajjeb għas-saħħa u aċċess għal ikel tajjeb għas-saħħa u affordabbli, bħala pedament ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa*
8. *Tissaħħaħ is-sistema tal-kura tas-saħħa - Tissaħħaħ ir-reżiljenza u l-kwalità tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħna*
9. *Fehim usa' tas-Saħħa - Jiġi adottat approċċ olistiku għas-saħħa, li jindirizza, lil hinn mill-mard u l-kuri, il-litteriżmu fis-saħħa u l-prevenzjoni, u t-trawwim ta' fehim kondiviż tal-isfidi ffaċċati minn dawk li huma morda jew b'diżabbiltà, f'konformità mal- "Approċċ Saħħa Waħda", li jenħtieġ li jiġi enfasizzat bħala prinċipju orizzontali u fundamentali li jinkludi l-politiki kollha tal-UE*
10. *Aċċess ugwali għas-saħħa għal kulħadd - Jiġi stabbilit "dritt għas-saħħa" billi jiġi ggarantit li l-Ewropej kollha jkollhom aċċess ugwali u universali għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva, kurattiva u ta' kwalità.*

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:
diġà ppreżentat:

- ▶ l-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà biex tingħata spinta lill-innovazzjoni għal sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli, u tiżdied il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kontra s-sustanzi kimiċi perikolużi;
- ▶ il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Prodotti Organiċi u l-pakkett leġiżlattiv li jakkumpanjah;
- ▶ il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, inklużi 10 inizjattivi ewlenin;
- ▶ il-Missjoni ta' Orizzont Ewropa dwar il-Kanċer: ħidma mal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer biex tittejjeb il-ħajja ta' aktar minn 3 miljun ruħ sal-2030;
- ▶ l-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa;
- ▶ ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-qasam tas-saħħa skont is-Semestru Ewropew, iċ-ċiklu annwali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika;
- ▶ l-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA);
- ▶ ir-Regolament dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fl-immaniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi;
- ▶ is-Sħubijiet Ewropej, pereżempju għal Saħħa Waħda/reżistenza għall-antimikrobiċi, dwar it-trawwim ta' Żona Ewropea tar-Riċerka għar-Riċerka dwar is-Saħħa, dwar it-trasformazzjoni tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura, u għat-tħejjija għall-pandemiji;
- ▶ ir-regoli aġġornati tal-VAT, inkluża lista estiża ta' prodotti u servizzi eżentati mill-VAT għas-saħħa pubblika;

² L-4 proposti fihom total ta' 24 miżura speċifika

- ▶ I-inizjattiva Healthier Together biex tgħin lill-Istati Membri jidentifikaw u jimplimentaw politiki u azzjonijiet effettivi biex jitnaqqas il-piż ta' mard ewlieni mhux komunikabbli, inkluża s-saħħa mentali;
- ▶ il-Kodiċi ta' Kondotta dwar Prattiki Responsabbli ta' negozju u kummerċjalizzazzjoni tal-ikel;
- ▶ id-Djalogu Strutturati dwar is-sigurtà tal-provvista tal-mediċini biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista farmaċewtika u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, mingħajr ma tiġi kompromessa l-affordabbiltà;
- ▶ il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, biex jiġu pprovduti pjattaformi ddedikati (bħall-Pjattaforma Ewropea ta' *Data* dwar il-COVID-19) għall-kondiviżjoni tad-*data* tar-riċerka medika, klinika u ġenomika;
- ▶ il-manifest għar-riċerka tal-UE dwar il-COVID-19 biex tiġi massimizzata l-aċċessibbiltà tar-riżultati tar-riċerka fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19;
- ▶ ir-Regolament biex jiġi estiż il-mandat taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard;
- ▶ ir-Regolament dwar qafas ta' miżuri għall-iżgurar tal-provvista ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni;
- ▶ il-kriterji minimi obligatorji għall-akkwist sostenibbli tal-ikel fl-iskejjel u fl-istituzzjonijiet pubbliċi;
- ▶ ir-reviżjoni tal-qafas legali tad-demem, tat-tessuti u taċ-ċelloli;
- ▶ l-inċentivi fiskali mal-Istati Membri għall-promozzjoni ta' ikel tajjeb għas-saħħa;

tistieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill jadottaw mingħajr dewmien:

- ▶ ir-Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa;
- ▶ ir-Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa, li għandu l-għan li jtejjeb it-twassil tal-kura tas-saħħa madwar l-UE, jagħti s-setgħa lin-nies biex jikkontrollaw id-*data* dwar saħħithom, jippermetti aċċess sikur mill-professionist fil-kura tas-saħħa għal "sommarijiet elettroniċi tal-pazjenti" (il-passaport elektroniku individwali Ewropew tas-saħħa); joffri qafas konsistenti, sikur, affidabbli u effiċjenti għall-użu tad-*data* dwar is-saħħa;

biħsiebha tressaq proposti dwar:

- ▶ reviżjoni tar-Regolament dwar l-Infurmazzjoni dwar l-Ikel għall-Konsumaturi, inkluż tikkettar nutrizzjonali obligatorju armonizzat fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett sabiex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jagħmlu għażliet infurmati, tajbin għas-saħħa u sostenibbli dwar l-ikel;
- ▶ Rakkomandazzjoni għal materjali u sustanzi kimiċi Sikuri u Sostenibbli sa mit-Tfassil biex tipprovi gwida lill-industrija u lir-regolaturi biex jagħmlu materjali u sustanzi kimiċi ġodda;
- ▶ leġiżlazzjoni farmaċewtika riveduta li tiżgura aċċess aktar rapidu għal mediċini ta' kwalità, sikuri, affidabbli u aktar ekoloġiċi fl-Istati Membri kollha;
- ▶ leġiżlazzjoni riveduta dwar il-mediċini għall-mard rari u għat-tfal;
- ▶ pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni aħjar tan-nutrijenti;
- ▶ Rakkomandazzjoni dwar kanċers li jistgħu jiġu evitati bit-tliqim;
- ▶ aġġornament tar-Rakkomandazzjoni dwar l-iskrinjar tal-kanċer;
- ▶ approċċi innovattivi għar-riċerka u l-akkwist pubbliku għall-antimikrobiċi u l-alternattivi tagħhom;

- azzjoni ġdida biex jiġu ffaċilitati l-iskambju u t-trapjant tal-kliwi għal riċevituri u donaturi speċifiċi taħt il-programm ta' ħidma l-UE għas-Saħħa tal-2023;
- Strategija Globali ġdida dwar is-Saħħa;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, bħal:

- It-tikkettar diġitali u fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fuq l-impronta ekoloġika tal-prodott;
- modi kif tiżdied il-parteċipazzjoni fil-Ġimgħa Ewropea tas-Saħħa Pubblika;
- Pakkett dwar il-Privattivi, inkluża inizjattiva dwar iċ-ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni u l-liċenzjar obbligatorju tal-privattivi;
- miżuri li jindirizzaw il-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar ta' prodotti marbutin mar-riskji tal-kanċer;
- effetti tal-leġiżlazzjoni kontra t-tipjip;
- approċċ komprensiv ġdid għas-saħħa mentali.



3. EKONOMIJA AKTAR B'SAĦĦITHA, ĠUSTIZZJA SOĊJALI U IMPJIEGI

Il-Konferenza rriżultat f'sitt proposti wisgħin biex jinbnew ekonomija ġustizzja soċjali u impjegi tal-UE aktar b'saħħithom³:

- 11. Tkabbir Sostenibbli u innovazzjoni — Nipproponu li l-UE tappoġġa l-qalba lejn mudell ta' tkabbir sostenibbli u reżiljenti, filwaqt li tqis it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali b'dimensjoni soċjali qawwija fis-Semestru Ewropew, u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lit-trade unions u lin-negozji. L-indikaturi makroekonomiċi konvenzjonali u l-PDG jistgħu jiġu kkomplementati b'indikaturi ġodda sabiex jindirizzaw il-prijoritajiet Ewropej il-ġodda b'hal-Patt Ekoloġiku Ewropew jew il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u biex jirriflettu aħjar it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-benessri tan-nies;*
- 12. It-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE u l-approfondiment ulterjuri tas-Suq Uniku – Nipproponu t-tisħiħ tal-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija, is-suq uniku u l-industrija tal-Unjoni Ewropea u l-indirizzar tad-dipendenzi strateġiċi. Jeħtieġ li nippromwovu kultura intraprenditorjali fl-UE, fejn negozji innovattivi ta' kull daqs, u b'mod partikolari Intrapriżi Mikro, Żgħar u ta' Daqs Medju (MSMEs), kif ukoll negozji ġodda jkun mħeġġa u jkun jistgħu jirnexxu sabiex jikkontribwixxu għal soċjetajiet aktar reżiljenti u koeżivi. Hemm bżonn ta' ekonomija tas-suq b'saħħitha li tiffunzjona sabiex tiffaċilita l-viżjoni ta' Ewropa aktar soċjali;*
- 13. Swieq tax-xogħol inklużivi – Nipproponu li ntejbu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol sabiex dawn jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aktar ġusti u jipromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-impjegi, inklużi dawk taż-żgħażaġh u l-gruppi vulnerabbli. L-UE, l-Istati Membri u s-sħab soċjali jeħtieġ li jaħdmu biex itemmu l-faqar fost dawk li jaħdmu, jindirizzaw id-drittijiet tal-ħaddiema tal-pjattaformi, jipprojbixxu internships mingħajr ħlas u jiżguraw mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol fl-UE. Irridu nipromwovu djalogu soċjali u negozjar kollettiv. Jeħtieġ li niżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż il-miri ewlenin rilevanti tiegħu għall-2030, fil-livell tal-UE, fil-livell nazzjonali, fil-livell reġjonali u fil-livell lokali fl-oqsma tal-“opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol” u l-“kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti”, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u li jiġi inkluż Protokoll dwar il-Progress Soċjali fit-Trattati. Filwaqt li jsir hekk, jenħtieġ li jkun hemm rispett għat-tradizzjonijiet nazzjonali u l-awtonomija tas-sħab soċjali u kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili;*
- 14. Politiki soċjali aktar b'saħħithom – Nipproponu li nnaqqsu l-inugwaljanzi, niġġieldu l-esklużjoni soċjali u nindirizzaw il-faqar. Jeħtieġ li nistabbilixxu strateġija komprensiva kontra l-faqar li tista' tinkludi, fost l-oħrajn, Garanzija għat-Tfal u Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, l-introduzzjoni ta' pagi minimi, qafas komuni tal-UE għal skemi ta' introjtu minimu u akkomodazzjoni soċjali deċenti. Jeħtieġ li niżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż il-miri ewlenin rilevanti tiegħu għall-2030, fil-livell tal-UE, fil-livell*

³ Is-6 proposti fihom total ta' 61 miżura speċifika.

nazzjonali, fil-livell reġjonali u fil-livell lokali fil-qasam tal-“protezzjoni soċjali u l-inklużjoni”, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità rispettivi u li jiġi inkluż Protokoll dwar il-Progress Soċjali fit-Trattati;

15. *Tranżizzjoni demografika – Nipproponu li nindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika, bħala ingredjent kritiku tar-reżiljenza ġenerali tal-Ewropa, b'mod partikolari r-rati baxxi tat-twelid u popolazzjoni li qed tixjieħ b'mod kostanti, billi niżguraw appoġġ għan-nies matul iċ-ċiklu tal-ħajja. Dan jenħtieġ li jinvolvi azzjoni komprensiva mmirata lejn il-ġenerazzjonijiet kollha, mit-tfal u ż-żgħażaġħ, għall-familji, għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, għall-persuni akbar fl-età li għadhom lesti jaħdmu kif ukoll għal dawk li jirtiraw jew li jeħtieġu kura;*
16. *Politiki fiskali u tat-taxxa – Nipproponu li l-UE tippromwovi investimenti orjentati lejn il-futur iffukati fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali b'dimensjoni soċjali u tal-ġeneru qawwija, filwaqt li jitqiesu wkoll l-eżempji tan-NextGenerationEU u l-istrument SURE. Jeħtieġ li l-UE tqis l-impatt soċjali u ekonomiku tal-gwerra kontra l-Ukrajna u r-rabta bejn il-governanza ekonomika tal-UE mal-kuntest ġeopolitiku l-ġdid u billi ssaħħaħ il-baġit tagħha stess permezz ta' riżorsi proprji ġodda. Iċ-ċittadini jridu li t-tassazzjoni titbiegħed min-nies u l-SMEs u tkun immirata lejn l-evażuri tat-taxxa, in-niġġiesa l-kbar u billi jiġu ntaxxati il-ġganti diġitali filwaqt li fl-istess ħin jixtiequ jaraw li l-UE tappoġġa l-kapaċità tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali li jiffinanzjaw lilhom infushom u kif ukoll li jużaw il-fondi tal-UE.*

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:
diġà ppreżentat:

- ▶ il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali li jwitti t-triq biex l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jkunu jistgħu jikbru u jirnexxu;
- ▶ ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni - Lesti għal sfidi ġodda;
- ▶ l-Istrateġija Industrijali Aġġornata u t-tnedija ta' Alleanzi fil-qasam tal-materja prima, l-idroġenu nadif, il-batterija, il-plastik ċirkolari, id-*data* industrijali, l-edge u l-cloud, it-teknoloġiji tas-semikondutturi, il-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-avjazzjoni b'emissjonijiet żero, l-enerġija solari, u l-Istandard tal-UE għan-Negożji l-Ġodda li jaqa' taħt il-Kompetenzi Nazzjonali li jrawwem l-intraprenditorija permezz ta' Alleanzi;
- ▶ l-eżami mill-ġdid tar-Regolamenti u l-linji gwida dwar l-Eżenzjoni ta' Kategorija Vertikali;
- ▶ il-Kontroll tal-Idoneità tal-Modernizzazzjoni tal-Għajjnuna mill-Istat;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir;
- ▶ ir-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali;
- ▶ ir-reviżjoni tal-Komunikazzjoni dwar proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni;
- ▶ l-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE);
- ▶ ir-reviżjoni tal-qafas tal-għajjnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;
- ▶ l-integrazzjoni tal-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli fil-qafas tas-Semestru Ewropew;
- ▶ l-Indiċi tal-Prestazzjoni tat-Tranżizzjonijiet li jikklassifika l-pajjiżi skont il-progress tagħhom lejn is-sostenibbiltà;

- ▶ is-Sħubijiet Ewropej, pereżempju Made in Europe, dwar teknoloġiji diġitali ewlenin, u dwar networks u servizzi intelliġenti;
- ▶ il-Qafas Strateġiku dwar is-Saħħa u s-Sikurezza okkupazzjonali;
- ▶ il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, programm emblematiku għall-identifikazzjoni, l-iżvilupp u l-espansjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji u innovazzjonijiet li jbiddu l-qagħda attwali;
- ▶ il-Pjattaforma Fit for Future, grupp ta' esperti ta' livell għoli biex jgħin fis-simplifikazzjoni tal-liġijiet tal-UE u biex inaqqas l-ispejjeż relatati mhux meħtieġa;
- ▶ il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;
- ▶ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa;
- ▶ l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa li tgħin lill-individwi u lin-negozji jiżviluppaw aktar ħiliet u ħiliet aħjar biex jużawhom, inkluż Patt għall-Ħiliet;
- ▶ l-inizjattiva ALMA (aim, learn, master, achieve) biex tgħin liż-żgħażaġħ l-aktar vulnerabbli b'inqas opportunitajiet, biex ikunu jistgħu jsibu triqthom lejn is-suq tax-xogħol u fis-soċjetà f'pajjiżhom;
- ▶ il-kriterju ta' eliġibbiltà ta' Orizzont Ewropa għall-korpi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex ikollhom fis-seħħ Pjan għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri;
- ▶ il-Women TechEU, inizjattiva ġdida biex tiffinanzja u tappoġġa n-negozji ġodda mmexxija min-nisa;
- ▶ il-Manifest STE(A)M għal edukazzjoni STEAM reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru kif imsemmi fl-istrateġija tal-UE għall-universitajiet;
- ▶ il-Patt Rurali – governanza msaħħa għaż-żoni rurali tal-UE;
- ▶ il-pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar;
- ▶ il-Garanzija Ewropea għat-Tfal li tiżgura li kull tifel u tifla fl-Ewropa f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jkollhom aċċess għal servizzi ewlenin bħall-kura tas-saħħa, il-kura tat-tfal, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni u l-akkomodazzjoni;
- ▶ id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati;
- ▶ il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali fl-UE;
- ▶ it-testijiet tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt;
- ▶ Qafas Ewropew ġdid għall-karrieri tar-Riċerkaturi: biex jingħaqdu fil-livell nazzjonali u Ewropew biex jissaħħu l-ħiliet tar-riċerkaturi u l-mobbiltà intersettorjali, u biex titrawwem ċirkolazzjoni bbilanċjata tat-talenti;
- ▶ azzjonijiet rimedjali, sabiex jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni u tinbena l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni f'pajjiżi li għadhom lura;
- ▶ il-Green Paper dwar it-Tixjiħ;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjeggi;
- ▶ id-Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni ġdid għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru;
- ▶ id-Direttiva li temenda r-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud, inkluża l-VAT imnaqqsa fuq it-tagħmir tat-tfal;

tistieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill jadottaw mingħajr dewmien:

- ▶ id-Direttiva dwar id-diliġenza dovuta għas-sostenibbiltà korporattiva biex titrawwem imġiba korporattiva sostenibbli u responsabbli tul il-ktajjen tal-valur globali;
- ▶ id-Direttiva dwar ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà;
- ▶ id-Direttiva biex jittejjb l-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq pjattaformi;

- ▶ id-Direttiva li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar;
- ▶ il-Proposta dwar riżorsi proprji ġodda;
- ▶ ir-reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali;
- ▶ id-Direttiva dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni;
- ▶ ir-Regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

biħsiebha tressaq proposti dwar:

- ▶ Eżami mill-ġdid tal-Governanza Ekonomika;
- ▶ Rakkomandazzjoni dwar l-introjtu minimu;
- ▶ Rakkomandazzjoni dwar il-valorizzazzjoni tal-għarfien;
- ▶ Emenda tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol;
- ▶ Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni li tindirizza l-ostakli ewlenin għall-impatt massimu tal-inizjattivi u l-istrumenti ta' politika tal-UE li jappoġġaw l-innovazzjoni;
- ▶ eżami mill-ġdid tar-Regolamenti ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Orizzontali u linji gwida li jiċċaraw għan-negozji meta jkunu jistgħu jikkooperaw mar-rivali;
- ▶ eżami mill-ġdid tal-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Swieq;
- ▶ kontroll tal-fużjonijiet fl-UE – simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċeduri;
- ▶ eżami mill-ġdid tar-Regolament De Minimis;
- ▶ linji gwida dwar ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom;
- ▶ Euro diġitali;
- ▶ kamp ta' applikazzjoni u effetti tal-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro;
- ▶ rapport dwar servizzi essenzjali;
- ▶ rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol;
- ▶ Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Distributtiv;
- ▶ pakkett biex jittejjbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità;
- ▶ qafas ta' finanzjament miftuħ;
- ▶ eżami mill-ġdid tar-regoli tal-UE dwar is-servizzi ta' pagament;
- ▶ strateġija ta' investiment u pakkett leġiżlattiv għall-bejgħ bl-imnut;
- ▶ In-negozju fl-Ewropa: qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt (BEFIT);
- ▶ inizjattiva biex jiġi indirizzat ir-rwol tal-faċilitaturi involuti fl-iffaċilitar tal-evazzjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;
- ▶ Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim dinji tal-OECD dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet tat-tassazzjoni;
- ▶ proġett pilota dwar Dokument Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS);
- ▶ inizjattiva dwar id-Djalogu Soċjali;
- ▶ l-applikazzjoni, l-infurzar u s-sensibilizzazzjoni tad-drittijiet tal-UE dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż il-leave tal-ġenituri;
- ▶ Komunikazzjoni dwar l-Eżodu ta' Mfui u inizjattiva ta' akkumpanjament biex jissaħħaħ il-ksib ta' mfuui;
- ▶ Rakkomandazzjoni dwar l-iżvilupp tal-kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali;
- ▶ Strateġija Ewropea dwar il-Kura, akkumpanjata minn proposta għar-reviżjoni tal-miri ta' Barċellona dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kura fit-tul;
- ▶ it-tieni basket ta' riżorsi proprji ġodda;

- eżami mill-ġdid tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas ta' kwalità għat-traineeships;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, bħal:

- miżuri li jappoġġaw reġjuni f'nases ta' żvilupp li qed jesperjenzaw tkabbir baxx persistenti;
- ħidma ulterjuri biex l-industrija ssir sostenibbli, diġitali u reżiljenti, u biex jiġu indirizzati d-dipendenzi;
- l-indirizzar tat-tranżizzjoni demografika, b'mod partikolari dwar it-tixjiħ u d-depopolazzjoni;
- Approċċ integrat għall-kejl u l-monitoraġġ tal-benessri lil hinn mill-PDG;
- espansjoni u aġġornament ulterjuri tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fid-dritt soċjetarju.

4. L-UE FID-DINJA



Il-Konferenza rriżultat fi tmien proposti wisgħin dwar l-UE fid-dinja⁴:

- 17. It-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE minn atturi barranin f'setturi ekonomikament strateġiċi – Nipproponu li l-UE tiegħu miżuri biex issaħħaħ l-awtonomija tagħha f'setturi strateġiċi ewlenin bħall-prodotti agrikoli, l-oġġetti ekonomiċi strateġiċi, is-semikondutturi, il-prodotti mediċi, it-teknoloġiji diġitali u ambjentali innovattivi u l-enerġija;*
- 18. It-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE minn atturi barranin fl-enerġija — Nipproponu li l-UE tilħaq awtonomija akbar fil-qasam tal-produzzjoni u l-provvista tal-enerġija, fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika li għaddejja bħalissa;*
- 19. Id-definizzjoni ta' standards fl-UE u barra minnha fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment – Nipproponu li l-UE ssaħħaħ id-dimensjoni etika tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħha;*
- 20. Id-definizzjoni ta' standards fl-UE u barra minnha fil-politiki ambjentali – Nipproponu li l-UE ssaħħaħ id-dimensjoni ambjentali tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħha;*
- 21. It-teħid ta' deċiżjonijiet u koeżjoni fl-Unjoni – Nipproponu li l-UE ttejjeb il-kapaċità tagħha li tiegħu deċiżjonijiet rapidi u effettivi, b'mod partikolari fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), titkellem b'vuċi waħda u taġixxi bħala attur verament globali, filwaqt li tippoġetta rwol pożittiv fid-dinja u tagħmel differenza fir-rispons għal kwalunkwe kriżi;*
- 22. It-trasparenza tal-UE u r-relazzjonijiet tagħha maċ-ċittadini – Nipproponu li l-UE, b'mod partikolari fl-azzjonijiet tagħha fil-livell internazzjonali, inklużi n-negozjati kummerċjali, ittejjeb l-aċċessibbiltà tagħha għaċ-ċittadini permezz ta' informazzjoni, edukazzjoni, parteċipazzjoni taċ-ċittadini, u trasparenza aħjar tal-azzjoni tagħha;*
- 23. L-UE bħala attur b'saħħtu fix-xena dinjija fil-paċi u s-sigurtà – Nipproponu li l-UE tkompli taġixxi biex tippromwovi d-djalogu u tiggarrantixxi l-paċi u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, issaħħaħ il-multilateraliżmu u tibni fuq inizjattivi ta' paċi tal-UE li ilhom jeżistu li kkontribwew għall-għoti tal-Premju Nobel fl-2012, filwaqt li ssaħħaħ is-sigurtà komuni tagħha;*
- 24. L-UE bħala attur b'saħħtu fix-xena dinjija fil-bini tar-relazzjonijiet – Nipproponu li jenħtieġ li l-UE, fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, tkun attur b'saħħtu fix-xena dinjija fil-bini tar-relazzjonijiet.*

⁴ It-8 proposti fihom total ta' 42 miżura speċifika.

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:

diġà ppreżentat:

- ▶ il-Qafas għall-Mobilità Urbana;
- ▶ il-Qafas temporanju l-ġdid ta' għajjnuna mill-Istat għall-kriżijiet;
- ▶ l-inizjattiva għar-reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni fil-Balkani tal-Punent u fl-Ukrajna;
- ▶ il-miżuri ta' appoġġ għar-rikostruzzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ukrajna;
- ▶ l-aġenda tal-Balkani tal-Punent għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, l-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Isport, immedija mill-Istati Membri tal-UE u l-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent;
- ▶ l-Istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Approċċ Globali fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluża l-assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa ma' sħab tal-istess fehma madwar id-dinja;
- ▶ l-Istrateġija għall-impenn tal-enerġija esterna tal-UE f'dinja li qed tinbidel;
- ▶ l-Istrateġija għall-Artiku;
- ▶ l-Istrateġija għall-Afrika;
- ▶ il-Global Gateway;
- ▶ il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III;
- ▶ il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar xogħol deċenti madwar id-dinja, b'enfasi partikolari fuq l-eliminazzjoni tat-tfaddim tat-tfal u x-xogħol furzat;
- ▶ l-Istrateġija tal-UE għall-Istandardizzazzjoni;
- ▶ il-Boxxla Strateġika għas-sigurtà u d-difiża;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar l-akkwist pubbliku konġunt fil-qasam tad-difiża;
- ▶ il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent;
- ▶ l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent;
- ▶ is-sħubija ta' Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta mal-Afrika t'Isfel;
- ▶ is-Sħubija Ekoloġika bejn il-Marokk u l-UE;
- ▶ il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Viċinat tan-Nofsinhar;
- ▶ l-Alleanza Ekoloġika mal-Ġappun;
- ▶ il-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Sħubija Strateġika mal-Golf";
- ▶ il-pjanijiet direzzjonali għal involviment mas-soċjetà ċivili f'pajjiżi sħab;
- ▶ il-pjan ta' rikostruzzjoni strateġika "RebuildUkraine";
- ▶ il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020: it-Tisħiħ tar-Reżiljenza – Sħubija tal-Lvant li tikseb riżultati għal kulfadd;
- ▶ l-analiżi tad-diskrepanzi fl-investiment fid-difiża;
- ▶ il-Pjan ta' Azzjoni għall-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna biex jiġu ffaċilitati l-esportazzjoni agrikola u l-kummerċ bilaterali mal-UE;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-iskarsezzi ta' semikondutturi u mekkaniżmu tal-UE għall-monitoraġġ tal-ekosistema tas-semikondutturi;
- ▶ il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti;
- ▶ il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja;
- ▶ l-estensjoni tan-Network TEN-T għall-Ukrajna;
- ▶ il-ftehimiet dwar it-trasport bit-triq bejn l-Ukrajna u l-Moldova;
- ▶ l-Aġenda l-Ġdida Kontra t-Terroriżmu għall-UE, li tistabbilixxi t-triq' il quddiem għal azzjonijiet kontra t-terroriżmu fil-livell tal-UE, li tfittex li tantiċipa, tipprevjeni, tipproteġi u tirrispondi aħjar għat-theddid terroristiku;
- ▶ is-sett ta' għodod li jgħinu biex tittaffa l-interferenza barranija fir-riċerka u l-innovazzjoni;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar l-Approċċ Globali għar-riċerka u l-innovazzjoni;

- ▶ I-eżami mill-ġdid tal-Politika Kummerċjali – Politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva;
- ▶ It-tnedija mill-ġdid tan-negozjati għal ftehim kummerċjali mal-Indja;
- ▶ is-sħubija diġitali bejn I-UE u l-Ġappun;

tistieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill jadottaw mingħajr dewmien:

- ▶ ir-REPowerEU;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar interventi fit-terminu l-qasir fis-suq tal-gass u tal-elettriku;
- ▶ l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, inkluża emenda tal-Att Bażiku Uniku li jstabilixxi Sħubijiet Ewropej;
- ▶ ir-Regolament dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern;
- ▶ il-Proposta għal Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ġdida;
- ▶ il-Proposta għal Strument Kontra l-Koerċizzjoni;
- ▶ id-Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi;
- ▶ iż-żieda tal-ksur u l-evażjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE fl-oqsma tal-kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE;

biħsiebha tressaq proposti dwar:

- ▶ strument għat-tiġni tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża Ewropej permezz ta' akkwist konġunt;
- ▶ Regolament li jstabilixxi Programm Ewropew ta' Investiment fid-Difiża konġunt;
- ▶ leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-Materja Prima Kritika;
- ▶ Strument għas-Suq Uniku t'Emerġenza biex jirreaġixxi malajr matul kriżijiet futuri u jggarantixxi ċ-ċirkolazzjoni tal-oġġetti u l-persuni, l-aċċess għal provvisti u servizzi vitali f'kull ħin;
- ▶ appoġġ doganali fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar it-tħaddim tat-tfal;
- ▶ sħubijiet diġitali mħabbra fl-Istrateġija Indo-Paċifika;
- ▶ il-kontribut tal-ftehimiet kummerċjali għall-iżvilupp sostenibbli – eżitu tal-eżami mill-ġdid tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli;
- ▶ ir-ratifika ta' ftehimiet kummerċjali konklużi reċentement biex jissaffu r-relazzjonijiet ewlenin;
- ▶ Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE;
- ▶ strateġija għad-droni u għall-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, bħal:

- ▶ miżuri ġodda biex tittejjeb is-sigurtà alimentari globali tal-UE;
- ▶ ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista u t-trasparenza għall-mediċini, il-prodotti mediċi u l-ingredjenti kritiċi.

5. VALURI U DRITTIJET, STAT TAD-DRITT U SIGURTÀ



Il-Konferenza rriżultat f'sitt proposti wisgħin dwar il-valuri u d-drittijiet, l-istat tad-dritt u s-sigurtà⁵:

- 25. L-istat tad-dritt, il-valuri demokratiċi u l-identità Ewropea – rispettt b'mod sistematiku tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha;*
- 26. Il-protezzjoni tad-data – Garanzija ta' politika ta' trattament tad-data aktar protettiva u orjentata lejn iċ-ċittadini;*
- 27. Il-media, l-aħbarijiet foloz, id-diżinformazzjoni, il-verifika tal-fatti, iċ-ċibersigurtà – L-indirizzar tad-diżinformazzjoni permezz tal-promozzjoni ulterjuri tal-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media kif ukoll tal-litteriżmu medjatiku;*
- 28. Il-media, l-aħbarijiet foloz, id-diżinformazzjoni, il-verifika tal-fatti, iċ-ċibersigurtà (bis) — Rwol aktar b'saħħtu għall-UE fil-ġlieda kontra t-theddid għaċ-ċibersigurtà;*
- 29. L-antidiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u l-kwalità tal-ħajja — Teħid ta' azzjoni biex jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tal-għajxien madwar l-UE u tittejjeb il-kwalità tal-ħajja soċjoekonomika taċ-ċittadini tal-UE;*
- 30. Id-drittijiet tal-annimali, l-agrikoltura – Teħid ta' miżuri deċiżivi biex jipromwovu u jggarantixxu agrikoltura aktar ekoloġika u orjentata lejn il-klima.*

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:
diġà ppreżentat:

- ▶ ir-rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt;
- ▶ ir-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;
- ▶ materjal informattiv:
 - il-media soċjali u l-komunikazzjoni viżiva;
 - Siti web aċċessibbli minn apparati mobbli fid-dominju europa.eu (inkluża r-rokna tat-tagħlim);
 - is-sit web EUvsDisinfo;
 - il-pubblikazzjonijiet u d-*data* disseminata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet;
 - il-portal tas-servizzi awdjoviżivi tal-Kummissjoni;
 - il-verżjonijiet adatti għat-tfal ta' inizjattivi ta' politika ewlenin;
- ▶ gwida kontinwa mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*;
- ▶ l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà;
- ▶ il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-diżinformazzjoni msaħħaħ;
- ▶ l-inizjattiva l-ġdida għal Internet Aħjar għat-Tfal;
- ▶ l-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali bi pjattaforma possibbli;
- ▶ il-valutazzjoni tal-kwalità tal-ħajja fir-rapporti tas-Semestru Ewropew;
- ▶ l-Istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza li jindirizzaw: l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-LGTBIQ, id-diżabilità, il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-inklużjoni tar-Rom;

⁵ Is-6 proposti fihom total ta' 24 miżura speċifika.

- L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Antisemitiżmu u s-sostenn tal-Ħajja Lhudija;

tistieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill jadottaw mingħajr dewmien:

- sett ta' proposti kontra proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (magħrufa bħala SLAPPs);
- Regolament li jemenda r-regoli dwar il-kumpens u l-assistenza għall-passiġġieri tal-ajru, u dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi tal-ajru;

biĥsiebha tressaq proposti dwar:

- Att dwar il-Libertà tal-Media;
- Karta Ewropea tad-Diżabbiltà;
- tisħiħ tar-rwol u l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza;
- proposta leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, bħal:

- inizjattiva dwar assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;
- Konferenza Annwali dwar l-Istat tad-Dritt biex minbarra l-partijiet ikkonċernati jiġu involuti wkoll iċ-ċittadini.

6. IT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI



Il-Konferenza rriżultat f'ħames proposti wisgħin dwar modi biex l-UE tilqa' t-trasformazzjoni diġitali⁶:

- 31. Aċċess għall-infrastruttura diġitali – Aċċess ugwali għall-internet huwa dritt fundamentali ta' kull ċittadin Ewropew. Nipproponu li kulħadd fl-Ewropa għandu fil-prattika jkollu aċċess għall-internet u għas-servizzi diġitali, u li s-sovranità tal-infrastruttura diġitali tal-UE tissaħħaħ;*
- 32. Litteriżmu u ħiliet diġitali li jagħtu s-setgħa lin-nies – Nipproponu li l-UE tiżgura li ċ-ċittadini Ewropej kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-diġitalizzazzjoni, billi tagħtihom is-setgħa bil-ħiliet u l-opportunitajiet diġitali meħtieġa;*
- 33. Soċjetà diġitali sikura u affidabbli – iċ-ċibersigurtà u d-diżinformazzjoni – Nipproponu li sabiex ikollna soċjetà diġitali sikura, reżiljenti u affidabbli, l-UE għandha tiżgura implimentazzjoni effettiva u rapida tal-leġiżlazzjoni eżistenti u jkollha aktar setgħat biex issaħħaħ iċ-ċibersigurtà, tindirizza l-kontenut illegali u l-kriminalità ċibernetika, tiġġieled it-theddid ċibernetiku minn atturi mhux statali u stati awtoritarji u tirkupra minnu, u tindirizza d-diżinformazzjoni;*
- 34. Soċjetà diġitali sikura u affidabbli – protezzjoni tad-data – Nippromwovu s-sovranità tad-data tal-individwi, sensibilizzazzjoni aħjar u implimentazzjoni u infurzar aktar effiċjenti tar-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data (GDPR) biex jissaħħaħ il-kontroll personali tad-data proprja u jiġi limitat l-użu ħażin tad-data;*
- 35. Innovazzjoni diġitali biex tissaħħaħ l-ekonomija soċjali u sostenibbli – Nipproponu li l-UE tippromwovi miżuri ta' diġitalizzazzjoni li jsaħħu l-ekonomija u s-suq uniku b'mod ġust u sostenibbli, iżżid il-kompetittività Ewropea fit-teknoloġija u l-innovazzjoni, issaħħaħ is-suq uniku diġitali għall-kumpaniji ta' kull daqs u tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem fid-dinja fit-trasformazzjoni diġitali u fid-diġitalizzazzjoni ċċentrata fuq il-bniedem.*

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:
diġà ppreżentat:

- ▶ il-Komunikazzjoni dwar id-Deċennju Diġitali;
- ▶ l-Istrateġija Ewropea għad-Data;
- ▶ l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà;
- ▶ miri għall-introduzzjoni tal-broadband għaż-żoni rurali bħala parti mill-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt;
- ▶ id-djalogu strutturat dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali;
- ▶ il-Pjattaforma u l-Koalizzjoni għall-ħiliet u l-Impjiegi Diġitali;
- ▶ il-Ġimgħa Ewropea tal-Ikkowdjar;
- ▶ Appoġġ għad-diskussjonijiet tas-sħab soċjali, inklużi l-attivitajiet kontinwi tagħhom dwar it-telexoġhol u d-dritt ta' skonnessjoni;
- ▶ iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

⁶ Il-5 proposti fihom total ta' 40 miżura speċifika.

- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà tal-5G;
- ▶ ir-Rakkomandazzjonijiet dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment u l-mikrokredenzjali;
- ▶ is-sett ta' għodod għall-konnettività;
- ▶ id-Direttiva dwar il-portijiet taċ-ċarġers għall-apparati elettroniċi;
- ▶ l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain għas-Servizzi;
- ▶ l-Att dwar il-Governanza tad-*Data*;
- ▶ l-Att dwar is-Servizzi Diġitali;
- ▶ l-Att dwar is-Swieq Diġitali;
- ▶ l-inizjattiva Wifi4EU;
- ▶ il-programm ta' f'idma dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni tas-6G;
- ▶ id-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (id-Direttiva riveduta dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni, jew NIS 2);
- ▶ inizjattivi li jinkludu l-Pjattaforma Ewropea ta' Deċiframent, iċ-Ċentru ta' Innovazzjoni għas-sigurtà interna, l-Atlas Ewropew taċ-Ċibersigurtà;
- ▶ l-Ispazju tad-*Data* Lingwistika li joħloq ekonomija tad-*data* Ewropea interkonnessa u kompetittiva għall-użu mill-ġdid tar-riżorsi pubbliku u privat;
- ▶ l-eżami mill-ġdid tad-Direttiva dwar l-Aċċessibilità għall-Web;
- ▶ l-eżami mill-ġdid tal-Pjan Ikkordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar it-Trawwim ta' approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali;

tistieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill jadottaw mingħajr dewmien:

- ▶ Dikjarazzjoni dwar Drittijiet u Prinċipji Diġitali;
- ▶ Programm ta' politika: perkors għad-deċennju diġitali;
- ▶ Regolament dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta' *data* personali f'komunikazzjonijiet elettroniċi (Regolament dwar il-Privatezza Diġitali);
- ▶ Proposta għal Direttiva biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, qafas għall-perikli kollha biex jiġu appoġġati l-entitajiet kritiċi tal-Istati Membri li jipprevjenu, jirreżistu, jassorbu u jirkupraw minn inċidenti ta' tfixkil;
- ▶ Regolament dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (l-Att DORA);
- ▶ Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali;
- ▶ Regolament dwar l-Identità Diġitali Ewropea;
- ▶ Att dwar id-*Data* li jiżgura l-ġustizzja fl-allokkazzjoni tal-valur tad-*data* u l-aċċess u l-użu tad-*data* fl-UE fis-setturi ekonomiċi kollha;
- ▶ Regolament li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni dwar il-Konnettività Sikura, pjan għal sistema ta' komunikazzjoni sikura tal-UE bbażata fl-ispazju;
- ▶ Rakkomandazzjoni biex titwaqqaf Unità Ċibernetika Konġunta biex tindirizza l-għadd dejjem jikber ta' inċidenti ċibernetiċi serji li jħallu impatt fuq is-servizzi pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini madwar l-UE permezz ta' risponsi avvanzati u kkoordinati;
- ▶ Regolament u Direttiva dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera u aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali;
- ▶ Regolament dwar l-istabbiliment ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni għall-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta;
- ▶ Regolament dwar l-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu;
- ▶ Regolament dwar il-kriptoassi;
- ▶ Direttiva dwar Sistemi ta' Trasport Intelliġenti;
- ▶ Regolament dwar l-Ajru Uniku Ewropew;

biĥsiebha tressaq proposti dwar:

- ▶ Att Ewropew dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika;
- ▶ Direttiva riveduta dwar it-Tnaqqis tal-Kost tal-Broadband;
- ▶ linji gwida riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband;
- ▶ Rakkomandazzjoni dwar it-titjib tal-provvediment ta' ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
- ▶ Rakkomandazzjoni dwar fatturi abilitanti għall-edukazzjoni diġitali;
- ▶ Pożizzjoni tal-Unjoni li temenda r-Regolamenti internazzjonali tar-Radju għall-Konferenza Dinjija dwar ir-Radjukomunikazzjoni 2023 li tgħin il-komunikazzjoni bla xkiel madwar l-UE;
- ▶ Ċertifikazzjoni Ewropea tal-Ħiliet Diġitali;
- ▶ responsabbiltà għall-intelliġenza artifiċjali;
- ▶ kontroll tal-idoneità tal-liġi tal-konsumatur tal-UE dwar il-ġustizzja diġitali;
- ▶ reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti;
- ▶ Proposta għal strateġija ta' interoperabbiltà tal-gvernijiet tal-UE;
- ▶ Pjan ta' Azzjoni għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u l-indirizzar tal-użu tal-enerġija tal-infrastruttura diġitali;
- ▶ GreenData4All – regoli aġġornati dwar id-*data* ambjentali ġeospazjali u l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali;
- ▶ Inizjattiva dwar il-VAT fl-Era Diġitali;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, bħal:

- ▶ tiżni tal-infurzar tal-GDPR, inkluża riflessjoni dwar il-proċedura amministrattiva għall-applikazzjoni tal-GDPR f'każijiet transfruntieri, u żieda fil-komunikazzjoni dwar ir-regoli u l-kunsens dwar il-protezzjoni tad-*data*, u t-titjib tal-informazzjoni dwar kif tintuża d-*data*;
- ▶ żvilupp ulterjuri tal-Identità Diġitali Ewropea, inkluża l-faċilitazzjoni ta' tranżazzjonijiet transfruntieri;
- ▶ spazji Ewropej tad-*data* għall-mobbiltà u t-turiżmu;
- ▶ qafas Ewropew għall-kejl, il-valutazzjoni u l-informazzjoni tal-impatt ambjentali tad-diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini;
- ▶ infurzar aħjar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur;
- ▶ modi alternattivi biex jissolva t-tilwim tal-konsumaturi;
- ▶ inizjattivi biex tissaħħaħ il-koeżjoni diġitali li tibni fuq iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej;
- ▶ żvilupp ulterjuri tad-dimensjoni multilingwi fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali fl-UE;
- ▶ programm standard dwar in-netiquette u d-drittijiet online tal-utenti;
- ▶ attivitajiet ta' standardizzazzjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali;
- ▶ Azzjoni preparatorja għall-monitoraġġ ikkoordinat tad-darknet mill-UE.

7. DEMOKRAZIJA EWROPEA



Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fformulat ħames proposti wisgħin taħt id-demokrazija Ewropea⁷. Hija appellat lill-UE biex:

- 36. L-informazzjoni, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u ż-żgħażaġħ - Iżżid l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-involvement taż-żgħażaġħ fid-demokrazija fil-livell tal-Unjoni Ewropea biex tiġi żviluppata “esperjenza ċivika sħiħa” għall-Ewropej, jiġi żgurati li l-vuċi tagħhom tinstema’ wkoll bejn l-elezzjonijiet, u li l-parteċipazzjoni tkun effettiva. Huwa għalhekk li għandha tiġi kkunsidrata l-aktar forma xierqa ta’ parteċipazzjoni għal kull suġġett;*
- 37. L-informazzjoni, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u ż-żgħażaġħ (bis) - Tagħmel lill-Unjoni Ewropea aktar komprensibbli u aċċessibbli u ssaħħaħ identità Ewropea komuni;*
- 38. Id-demokrazija u l-elezzjonijiet - Issaħħaħ id-demokrazija Ewropea billi tqawwi l-pedamenti tagħha, iżżid il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, trawwem dibattitu transnazzjonali dwar kwistjonijiet Ewropej u tiżgura rabta b’saħħiħha bejn iċ-ċittadini u r-rappreżentanti eletti tagħhom;*
- 39. Il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE - ittejjeb il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE sabiex tiżgura l-kapaċità tal-UE li taġixxi, filwaqt li tqis l-interess tal-Istati Membri kollha u tiggarrantixxi proċess trasparenti u li jinftiehem għaċ-ċittadini;*
- 40. Sussidjarjetà.*

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:
diġà ppreżentat:

- ▶ il-Pjan ta’ Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea;
- ▶ ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza 2020;
- ▶ l-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabilità;
- ▶ modi mtejbja ta’ involviment maċ-ċittadini permezz tal-portal Semma’ Leñnek, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u forom oħra ta’ involviment taċ-ċittadini;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar, segwita minn linji gwida riveduti u sett ta’ għodod imtejjeb;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni, is-sikurezza u l-għoti tas-setgħa lill-ġurnalisti;
- ▶ is-servizz tal-media (media tradizzjonali u ġdida) li jipprovdi informazzjoni fattwali dwar l-inizjattivi u l-azzjonijiet tal-UE lill-media fi Brussell u fl-Istati Membri kollha;
- ▶ ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea;
- ▶ in-network ta’ uffiċċji ta’ Europe Direct;
- ▶ il-kampanji ta’ komunikazzjoni korporattiva b’enfasi speċjali fuq iż-żgħażaġħ Ewropej;
- ▶ il-Kodiċi ta’ Mġiba Amministrattiva Tajba;
- ▶ iċ-Ċentru ta’ Kuntatt Europe Direct disponibbli għal mistoqsijiet relatati mal-UE minn ċittadini f’24 lingwa uffiċċjali, u oħrajn bħall-Ukren;

⁷ Il-5 proposti fihom total ta’ 35 miżura speċifika.

- ▶ Il-proġett pilota Nibnu l-Ewropa flimkien mal-kunsilliera lokali, li jippermetti lill-kunsilliera fil-gvernijiet lokali jikkomunikaw dwar l-UE;
- ▶ il-proġetti ta' riċerka f'komunikazzjonijiet sinifikanti u etiċi;
- ▶ l-involvement taċ-ċittadini fir-riċerka bħala prinċipju u objettiv operazzjonali tal-programm Orizzont Ewropa;
- ▶ iċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-Kummissjoni dwar id-Demokrazija Parteċipattiva u Deliberattiva mmexxi miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka;
- ▶ l-eTranslation biex tiffaċilita l-komunikazzjoni fil-lingwi uffċjali kollha tal-UE;
- ▶ il-Pjan ta' azzjoni dwar l-aċċessibbiltà għall-web biex jiġi żgurat li l-informazzjoni online kollha ppubblikata mill-Kummissjoni tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;
- ▶ il-programm ta' Ewropa Globali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;
- ▶ Pjattaforma għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal biex tgħaqqad il-mekkaniżmi eżistenti tal-parteeċipazzjoni tat-tfal fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE, u tinvolvi lit-tfal fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;
- ▶ il-programm Orizzont Ewropa, ir-raggruppament 2 parti għar-riċerka innovattiva dwar id-demokrazija u l-governanza, u proġetti ta' riċerka dwar metodi effettivi għal deliberazzjonijiet taċ-ċittadini multilivelli, multilingwi u multimodali fil-livell tal-UE;
- ▶ in-Network għal soluzzjonijiet innovattivi għall-futur tad-demokrazija;
- ▶ il-mudelli pilota għal deliberazzjonijiet immirati u proċessi ta' kokreazzjoni għal politiki speċifiċi tal-UE;

tistieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill jadottaw mingħajr dewmien:

- ▶ Proposta dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku;
- ▶ reviżjoni tar-Regolament dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej;
- ▶ reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill dwar id-drittijiet elettorali taċ-ċittadini mobbli tal-UE fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew;
- ▶ reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill dwar id-drittijiet elettorali taċ-ċittadini mobbli tal-UE fl-elezzjonijiet muniċipali;

biġnsiebha tressaq proposti dwar:

- ▶ Rapport dwar iċ-Ċittadinanza 2023;
- ▶ iddedikar ta' ħin u riżorsi għall-organizzazzjoni ta' panels taċ-ċittadini bl-għan li jiġu approfonditi għadd magħżul ta' temi ewlenin u li jgħinu fit-tħejjija ta' settijiet partikolarment importanti ta' inizjattivi ewlenin u li jkun hemm feedback minn qabel it-tneċija tal-proċess leġiżlattiv;
- ▶ organizzazzjoni ta' proċessi deliberattivi jew ta' kokreazzjoni/kodisinn immirati iżgħar, immexxija fuq skala iżgħar, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi ta' politika b'mod aktar kosteffettiv u b'mod aktar f'waqtu;
- ▶ approċċ koerenti u sinifikanti biex jiġi żgurat l-involvement taż-żgħażagħ fit-tfassil tal-politika, permezz tal-parteeċipazzjoni sistematika tagħhom fil-panels taċ-ċittadini, fil-proċessi ta' kokreazzjoni deliberattiva iżgħar, kif ukoll b'attenzjoni speċifika għall-impatt tal-politiki previsti fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa;
- ▶ żvilupp ulterjuri tal-portal Semma' Leħnek biex isir ċentru online aċċessibbli aktar faċilment li jiġbor flimkien l-informazzjoni kollha dwar il-mekkaniżmi ta' involviment taċ-ċittadini li joperaw fil-Kummissjoni. Il-pjattaforma se tissaħħaħ billi jiġu integrati l-konfigurazzjonijiet deliberattivi tal-pjattaforma tal-Konferenza u funzjonijiet rilevanti oħra tat-"teknoloġija ċivika", inklużi avvenimenti parteċipattivi online;

- ▶ tishiñ ulterjuri tal-interazzjonijiet online u offline u promozzjoni tal-involvement taċ-ċittadini lokalment;
- ▶ l-integrazzjoni ta' informazzjoni u komunikazzjoni ffukati fuq iċ-ċittadini matul il-proċess tat-tfassil tal-politika, biex titrawwem ċittadinanza attiva u parteċipazzjoni demokratika - inkluż qabel l-elezzjonijiet Ewropej - fi spirtu ta' responsabbiltà kondiviża mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri fil-livelli kollha, u s-soċjetà ċivili;
- ▶ l-użu ta' lingwaġġ aċċessibbli fil-komunikazzjoni pubblika kollha tagħha adattat għall-kanali u l-formati ta' komunikazzjoni użati għal udjenzi differenti;
- ▶ żvilupp ta' sistema ġdida għall-preżentazzjoni u t-trattament ta' talbiet għal aċċess għad-dokumenti, inkluż portal pubbliku għaċ-ċittadini;
- ▶ żvilupp ulterjuri taċ-ċentri ta' Europe Direct f'ċentri ta' kuntatt lokali tal-UE;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, bħal:

- ▶ għajjnuna fil-bini tal-kapaċità fost l-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali biex titnieda ġenerazzjoni ġdida ta' djalogi deċentralizzati taċ-ċittadini bbażati fuq approċċi deliberattivi;
- ▶ żvilupp ta' Karta Ewropea għall-Parteċipazzjoni taċ-Ċittadini mmirata lejn dawk kollha li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' involviment taċ-ċittadini li jippromwovu l-prinċipji ġenerali li huma essenzjali għal involviment taċ-ċittadini li jirnexxi u lejn dawk li jorganizzawhom;
- ▶ li ċ-ċittadinanza Ewropea ssir aktar tanġibbli għaċ-ċittadini, inkluż billi jissaħħu d-drittijiet marbutin magħha u billi tiġi pprovduta informazzjoni affidabbli u faċilment aċċessibbli dwarha;
- ▶ promozzjoni ta' materjal ta' taġħlim minn proġetti kollaborattivi Ewropej dwar ir-“Rokna tat-Tagħlim” tal-Kummissjoni, u żvilupp ta' materjal ta' taġħlim ġdid li jespandi wkoll fuq l-importanza taċ-ċittadinanza attiva u l-litteriżmu medjatiku;
- ▶ titjib tat-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE billi l-osservaturi taċ-ċittadini jkunu jistgħu jseguw mill-qrib il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Tali rappreżentanti jistgħu jkunu mistiedna mit-tliet istituzzjonijiet flimkien biex josservaw proċessi interistituzzjonali partikolari ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE dwar suġġetti ta' interess usa', u “jxandru” żviluppi liċ-ċittadini fl-Ewropa.



8. MIGRAZZJONI

Il-Konferenza rriżultat f'ħames proposti dwar il-migrazzjoni⁸:

- 41. Migrazzjoni legali – Tisħiħ tar-rwol tal-UE dwar il-migrazzjoni legali;*
- 42. Migrazzjoni irregolari – Tisħiħ tar-rwol tal-UE fl-indirizzar tal-forom kollha ta' migrazzjoni irregolari u t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem;*
- 43. Migrazzjoni irregolari (bis) – Applikazzjoni ta' regoli komuni b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha dwar l-ewwel akkoljenza tal-migranti;*
- 44. Ażil, integrazzjoni – Tisħiħ tar-rwol tal-UE u riforma tas-sistema Ewropea tal-ażil abbażi tal-prinċipji tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà;*
- 45. Ażil, integrazzjoni (bis) – Titjib tal-politiki ta' integrazzjoni fl-Istati Membri kollha.*

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:
diġà ppreżentat:

- ▶ ir-Regolamenti dwar l-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa;
- ▶ l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja biex tgħin lill-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra Russa kontra l-Ukrajna;
- ▶ id-Direttiva dwar il-Karta Blu dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u għar-residenza fl-Unjoni Ewropea ta' ċittadini mhux tal-UE għall-fini ta' impjeg bi kwalifiki għoljin;
- ▶ ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta;
- ▶ is-sħubijiet komprensivi u ta' beneficiċju reċiproku ma' pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu skont il-Patt Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil;
- ▶ il-pjan ta' azzjoni imġedded kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali;
- ▶ l-Aġenda l-Ġdida għall-Mediterran;
- ▶ ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil;
- ▶ il-pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027;
- ▶ l-istrateġija dwar il-futur ta' Schengen;
- ▶ l-istrateġija tal-UE dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni;
- ▶ il-Komunikazzjoni dwar l-Attrazzjoni tal-ħiliet u t-talent lejn l-UE;

tistieden lill-Parlament Ewropew u/jew lill-Kunsill jadottaw mingħajr dewmien:

- ▶ Patt ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil;
- ▶ pakkett dwar il-ħiliet u t-Talenti - Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul u d-Direttiva dwar il-Permess Uniku;
- ▶ Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;
- ▶ Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-migrazzjoni u l-ażil;
- ▶ Regolament emendat dwar il-Proċedura tal-Ażil;
- ▶ Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza;
- ▶ Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni;

⁸ Il-5 proposti fihom total ta' 16-il miżura speċifika.

- ▶ Regolament dwar miżuri kontra operaturi tat-trasport li jiffaċilitaw jew jinvolvu ruħhom fit-traffikar ta' persuni jew fil-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali;

biĥsiebha tressaq proposti dwar:

- ▶ kampanja ta' sensibilizzazzjoni fl-UE kollha dwar il-migrazzjoni;
- ▶ kampanja ta' komunikazzjoni pluriennali mmirata biex iżżid il-viżibbiltà tas-sett ta' għodda għall-ħiliet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, bħal:

- ▶ indirizzar tan-nuqqas ta' impjegi u ta' ħaddiema li jirrifletti l-kuntest ġeopolitiku;
- ▶ evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra t-traffikar u jekk ikun meħtieġ tipproponi reviżjoni;
- ▶ żieda fil-ħidma fuq l-ewwel akkoljenza.

9. EDUKAZZJONI, KULTURA, ŻĠHAŻAĠ U SPORT



Il-Konferenza rriżultat f'erba' proposti wisgħin dwar l-Edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażaġ u l-isport⁹:

- 46. Edukazzjoni – Sal-2025, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ifittxu li jistabbilixxu Żona Ewropea tal-Edukazzjoni inklużiva li fiha ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess ugwali għal edukazzjoni u taġħlim tul il-ħajja ta' kwalità, inklużi dawk f'żoni rurali u remoti;*
- 47. Kwistjonijiet Ewropej dwar iż-żgħażaġ – L-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jiffukaw fuq il-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażaġ fil-politiki rilevanti kollha, inkluża l-politika reġjonali tal-Unjoni Ewropea sabiex joffrullhom l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-istudju u x-xogħol u biex jibdew ħajja indipendenti, filwaqt li jinvolvuhom fil-ħajja demokratika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż fil-livell Ewropew. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġ għandhom rwol kruċjali x'jaqdu;*
- 48. Kultura u skambji – Sabiex tiġi promossa kultura ta' skambju u titrawwem l-identità Ewropea u d-diversità Ewropea f'oqsma differenti, l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea, għandhom jippromwovu l-iskambji Ewropej f'oqsma differenti, jippromwovu l-multilingwiżmu, joħolqu opportunitajiet għall-kondiviżjoni tal-kulturi Ewropej, jiproteġu l-wirt kulturali u l-kultura Ewropej, u jieħdu passi biex jiżguraw li l-professionisti kulturali jkunu protetti biżżejjed fil-livell tal-UE;*
- 49. Sport – L-isport huwa kruċjali għas-soċjetajiet tagħna - sabiex niddefendu l-valuri tagħna, niżguraw stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u tixjiħ f'saħħtu, nipromwovu kultura ta' skambji u niċċelebraw ukoll id-diversità tal-wirt Ewropew.*

Biex twettaq il-proposti tal-Konferenza, il-Kummissjoni:
diġà ppreżentat:

- ▶ il-Komunikazzjoni dwar il-Kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni;
- ▶ l-Istrateġija Ewropea għall-universitajiet;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar il-bini ta' pontijiet għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fl-edukazzjoni għolja, li tistabbilixxi azzjoni biex jiġu ffaċilitati studji u kooperazzjoni transfruntieri ulterjuri sa nofs l-2024, bħal lawrji konġunti bbażati fuq kriterji Ewropej maħluqa b'mod konġunt;
- ▶ il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027);
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
- ▶ il-Portal taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jinbnew sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ aktar reżiljenti u inklużivi;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar il-mikrokredenzjali;
- ▶ il-miżuri biex jissaħħu s-sinerġiji bejn il-EURES u l-Europass, it-tkabbir tal-bażi tal-membri/sħab fil-EURES, l-iskambju sħiħ tas-CVs u l-postijiet battala u t-tlaqqiġ awtomatizzati;

⁹ L-4 proposti fihom total ta' 24 miżura speċifika.

- ▶ I-iskambji bejn I-għalliema (eTwinning, School Education Gateway, il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel);
- ▶ il-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar it-tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva;
- ▶ is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġh 2022;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar il-volontarjat taż-żgħażaġh, li se jiffaċilita l-volontarjat transnazzjonali taż-żgħażaġh taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- ▶ l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal;
- ▶ l-Evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar is-sistemi ta' edukazzjoni u ta' kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal;
- ▶ il-Ġimgħa Ewropea Annwali tal-Isport, u l-kampanji BeActive u BeInclusive;
- ▶ il-kampanja HealthyLifestyle4All li għandha l-għan li torbot l-isport u l-istili ta' ħajja attivi mal-politiki dwar is-saħħa, l-ikel u politiki oħrajn u timmobilizza l-awtoritajiet pubbliċi u l-moviment sportiv biex jingħaqdu mal-inizjattiva permezz tal-wegħdiet tagħhom stess;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar spazju komuni Ewropew tad-*data* għall-wirt kulturali;
- ▶ l-iskema ta' tagħlim bejn il-pari dwar il-wirt kulturali għall-bliet u r-reġjuni;
- ▶ l-Ilġna tal-Kultura, djalogu strutturat mas-settur kulturali;
- ▶ ir-Rakkomandazzjoni dwar it-tagħlim għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli;
- ▶ it-twaqqif ta' grupp ta' esperti dwar il-benesseri fl-iskola;

biġnsiebha tressaq proposti dwar:

- ▶ Rakkomandazzjoni għal Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola, li tiffoka fuq l-appoġġ għall-istudenti tal-iskola li għandhom problemi biex jiksbu ħiliet bażiċi, fuq ċertifikat ta' tluq mill-iskola sekondarja, u fuq it-tnaqqis tas-sehem ta' żgħażaġh li telqu mill-iskola qabel iż-żmien;
- ▶ rieżami tal-iskema Ewropea għall-provvista ta' frott, ħxejjex u ħalib fl-iskejjel;
- ▶ kampanja ta' sensibilizzazzjoni biex jiġu studjati suġġetti xjentifiċi;
- ▶ kampanja ta' komunikazzjoni pluriennali bl-għan li żżid il-viżibbiltà tal-EURES;
- ▶ aġġornament tal-qafas tal-mobbiltà għat-tagħlim;

se tikkunsidra oqsma ġodda ta' azzjoni, bħal:

- ▶ pjattaforma ta' informazzjoni mtejbja ulterjorment għall-iskambju u l-akkomunament tal-informazzjoni relatata mal-edukazzjoni.